

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1380/2011

tal-21 ta' Diċembru 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u li huma produttivi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqs minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1)(b) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ⁽²⁾ jipprevedu l-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u li huma produttivi ħlief għal għasafar li ma jtirux u għal importazzjonijiet ta' bajd tat-tfaqqs u flieles li għandhom jum biss ħlief dawk l-għasafar li ma jtirux.
- (2) Il-Punt 2 tal-Parti II tal-Anness jistipula li, meta flieles li għandhom jum biss ma jkunux imkabbra fl-Istat Membru li importa l-bajd għat-tfaqqs, dawn għandhom jinġarru direttament għad-destinazzjoni finali u jinżammu hemm għal tal-inqas tliet ġimgħat mid-data tat-tfaqqs. Dan ir-rekwiżit huwa rifless fil-Parti I tal-mudell rilevanti ta' ċertifikat veterinarju għal flieles li għandhom jum biss stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/158/KE.
- (3) L-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu applikati għall-importazzjonijiet ta' għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u l-produzzjoni, it-tfaqqs tal-bajd u flieles tagħhom li għandhom jum biss. Dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi bħalissa ma jinkludux dispożizzjoni simili li tikkonċerna għasafar li ma jtirux bħal dik inkluża għat-tjur fil-punt 2 tal-Parti II tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament.

(4) L-esperjenza fl-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni li tikkonċerna t-tjur turi li huwa xieraq li tiġi estiża wkoll għal flieles ta' għasafar li ma jtirux u li għandhom jum biss.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, fil-Parti II, il-punt 3 huwa miġdul b'dan li ġej:

"3. L-għasafar li ma jtirux li tfaqqsu minn bajd tat-tfaqqs impurtat għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-anqas tliet ġimgħat mid-data tat-tfaqqs fil-post tat-tfaqqs jew tal-anqas għal tliet ġimgħat fl-istabbiliment(i) li ntbagħtu fih wara li faqqsu.

Meta l-flieles ta' għasafar li ma jtirux u li għandhom jum biss ma jtkabbrux fl-Istat Membru li importa l-bajd għat-tfaqqs, huma għandhom jinġarru direttament lejn id-destinazzjoni finali (kif speċifikat fil-punti I.10 u I.11 ta' ċertifikat tas-saħħa, Mudell 2 fl-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE ^(*)) u jinżammu hemm għal tal-anqas tliet ġimgħat mid-data tat-tfaqqs.

^(*) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

⁽²⁾ ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.